A.L. 143 ta' l-1993

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT. NRU. V TA' L-1991)

Att biex Iħares l-Ambjent (Ordni ta' Revoka ta' Liġijiet) 1993

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 50 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, bi ftehim mal-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali, għamel dan l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ Att biex Iħares l-Ambjent (Ordni ta' Revoka ta' Liġijiet) 1993. Titolu.

2. Il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-ordni qed jiġu b'dan revokati b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1994. Data ta' revoka ta' ċerti dispożizzjonijiet.

SKEDA

(Regolament 2)

Il-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 205 u l-artikoli 207, 210, 211, 213 tat-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10);

L-Avviż Legali 68 ta' l-1980;

L-Avviż Legali 25 ta' l-1983.